# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum it-Tnejn, 25 ta’ Gunju, 2001**

**Appell Nru 247/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Francis Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Francis Camilleri talli f’dawn il-Gzejjer, bejn l-1 ta’ Jannar 1994 u l-31 ta’ Dicembru 1997, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda: (**1**) b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq ta’ aktar minn Lm500 bi hsara ta’ Andrew Mifsud u Androxa Furniture Limited; (**2**) approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, <u>is-somma ta’ aktar minn Lm2,160</u> fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depositu necessarju, u dan ghad-dannu ta’ Andrew Mifsud u Androxa Furniture Limited, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi igib mieghu l-obbligu tar-radd tas-somma jew li jsir uzu minnha specifikat (sottolinear ta’ din il-Qorti, cioe` tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-3 ta’ Novembru, 2000, li peremzz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Francis Camilleri mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni u minnha lliberatu, izda sabitu hati skond it-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghall-piena ta’ sena prigunerija sospiza ghal sentejn;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Francis Camilleri, minnu ppresentat fil-15 ta’ Novembru, 2000, li permezz tieghu talab jew li s-sentenza tigi annullata jew altrimenti r-riforma taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu diversi aggravji li ser jigu kkunsidrati *seriatim*. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, iccitat l-artikolu hazin tal-ligi ghal dak li jirrigwarda s-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija, peress li flok ma ccitat l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 hemm miktub "Art 28A tal-kap 10". Dana l-aggravju hu wiehed altament fieragh. Hu evidenti li hawn si tratta ta' semplici *lapsus calami*, u hu car li l-ewwel qorti kienet qed tirreferi ghall-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) u mhux ghall-Artikolu 28A tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10), aktar u aktar meta l-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ma fih ebda artikolu 28A.

It-tieni aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li mis-sentenza appellata ma jirrisultax li l-ewwel qorti, meta ssospendiet il-piena ta' prigunerija, wissiet lill-hati – kif obbligata li taghmel bl-Artikolu 28A(4) – bi kliem car dwar ir-responsabbilita` tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-periodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Dana n-nuqqas, pero`, bhan-nuqqas ta' qorti li tindika li jkunu gew osservati l-htigijiet tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 5 u tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 9 tal-Kap. 152[1], ma jwassalx ghan-nullita` tas-sentenza appellata. Tali difett hu sanabbli mill-Qorti tal-Appell Kriminali stess, dejjem jekk din il-Qorti jkollha l-opportunita` li hekk tissanah. Mill-banda l-ohra ghandu jinghad li huwa importanti li formalitajiet bhal dawk ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 u l-Artikoli 5(5) u 9(3) tal-Kap. 152 jigu osservati, peress li n-nuqqas li jigu hekk osservati jista' johloq kumplikazzjonijiet u problemi fi stadji ulterjuri.

Qabel ma l-Qorti tghaddi ghat-tielet aggravju, ikun opportun li jinghad x'irrisulta bazikament mill-provi. L-appellant hu mastrudaxxa, u fiz-zmien indikat fl-imputazzjonijiet kellu anke xi nies jahdmu mieghu. Peress li x-xoghol beda jmurlu hazin u kellu problemi finanzjarji mhux zghar, huwa talab l-ghajnuna ta' Andrew Mifsud tal-*Androxa Furniture Ltd*. Dana Mifsud silfu hames mitt lira. Ftit wara l-appellant rega' talab aktar ghajnuna minghand Mifsud, u din id-darba Mifsud tah bi ftit aktar minn elfejn lira injam. Skond Mifsud dana l-injam kellu jintuza mill-appellant biex dan jahdem xi ghamara ghall-istess Mifsud; skond l-appellant qatt ma kien hemm din il-kundizzjoni – cioe` li b'dak l-injam hu kellu jahdem ghamara ghall-Mifsud – izda l-injam inghatalu biex hu jkun jista' jahdem xoghol ghall-klienti tieghu stess (cioe` ta' l-appellant) kif fil-fatt l-appellant ghamel. F'xi zmien wara li kien silfu il-flus u tah l-injam, sar xi forma ta' ftehim[2] li permezz tieghu l-appellant ammetta l-ammont ta' flus li kellu jrodd lura lil Mifsud, u anke inhargu xi kambjali biex bihom isiru l-pagamenti bin-nifs. Pero` l-appellant xorta baqa moruz. L-appellant jammetti li huwa debitur fil-konfront ta' Mifsud (ara fol. 69 tal-atti).

It-tielet aggravju ta' l-apellant hu fis-sens li galadarba dak li kien dovut minnu lil Mifsud kien gie, bi ftehim liberu bejn il-partijiet, ridott ghal semplici dejn u kreditu civili/kummercjali, Mifsud ma setax jitlob, permezz ta' kwerela, li jittiehdu passi kontra tieghu. Fi kliem iehor l-appellant qed jippretendi li kien hemm xi forma ta' rinunzja implicita jew tacita da parti ta'

[1] Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Lulju, 1994 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Carmen Tabone Reale*** (App. nru. 171/94).

[2] Frankament din il-Qorti ftit li xejn setghet tifhem id-deposizzjoni ingarbuljata tax-xhud Jose` (jew Yose`) Buttigieg, fol. 20 sa 25.

Mifsud ghall-proceduri penali. Dana l-aggravju kien ikollu xi validita` u kien jigi ezaminat bir-reqqa minn din il-Qorti li kieku r-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet kienu reati li jehtiegu l-kwerela tal-parti offiza. Pero` dan ma huwiex il-kaz. Ir-reat ta' truffa (Art. 308, Kap. 9), kif ukoll ir-reat minuri ta' frodi innominata (Art. 309) huma dejjem prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva. Huwa veru li r-reat ta' approprjazzjoni indebita (Art. 293) huwa normalment prosegwibbli biss fuq il-kwerela tal-parti, pero` fil-kaz in dizamina qed jigi ipotizzat ukoll l-aggravju kontemplat fl-Artikolu 294 tal-Kodici Kriminali li jirrendi dak ir-reat prosegwibbli *ex officio*. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

Ir-raba' aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li hu qatt ma seta' jigi misjub hati skond it-tieni imputazzjoni. Din l-imputazzjoni hi fis-sens li huwa dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor is-<u>somma</u> ta' aktar minn LM2,160 li allegatament kient gie fdata jew ikkunsinnata lilu bl-obbligu "tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat". Skond l-appellant, fl-allegat reat ta' approprjazzjoni indebita <u>ma kien hemm ebda somma ta' flus involuta</u>, izda, skond ma rrisulta mill-provi, kwantita` ta' <u>injam</u>. Din il-Qorti hi tal-fehma li dana l-aggravju hu fondat. Ghal dak li jirrigwarda s-somma ta' hames mitt lira li Mifsud silef lill-appellant, ma hemmx dubbju li fir-rigward ta' din is-somma ma hemm ebda kwistjoni ta' approprjazzjoni bla jedd. Kif jispjega l-gurista Francesco Antolisei,

"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (*uti dominus*). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffre` (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276).

Fl-kaz in dizamina, Mifsud silef il-hames mitt lira lill-appellant biex l-appellant jaghmel bihom dak li jidhirlu hu fl-interess tan-negozju tieghu; fi kliem iehor l-appellant, appena ha materjalment f'idejh dawk il-flus, sar is-sid taghhom, u d-dejn li kien qed jigi kostitwit kien semplici dejn ta' natura civili. In-nuqqas ta' l-appellant li jhallas lura din is-somma ta' hames mitt lira lil Mifsud kien jaghti lok biss ghall-proceduri civili, izda mhux ghal proceduri penali taht l-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali. Din kienet <u>l-unika somma ta' flus li giet mislufa</u>. <u>Ma kien hemm ebda somma ta' flus ohra li Mifsud ghadda lill-appellant</u>. Dak li jirrisulta li tah (oltre l-hames mitt lira appena imsemmija) kien <u>kwantita` ta' injam</u>. It-teni imputazzjoni ma ssemmi ebda injam jew oggett iehor ghajr flus. Quddiem l-ewwel qorti ma jirrisultax li l-prosekuzzjoni talbet xi korrezzjoni f'din it-tieni imputazzjoni u, kif inhu risaput, f'dana l-istadju ta' appell ebda ebda korrezzjoni ma hi ammissibbli fl-imputazzjoni jew imputazzjonijiet. Ghal din ir-raguni, u ghal din ir-raguni biss, l-appell jimmerita li jintlaqa'.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell interpost u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: (a) tikkonferma l-imsemmija sentenza f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati skond l-ewwel imputazzjoni u lliberatu minnha, u (b) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond it-tieni imputazzjoni kif ukoll fejn ikkundannatu sena prigunerija sospiza ghal sentejn, u minflok tilliberah ukoll minn din it-tieni imputazzjoni u minn kull piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur